

Kawża C-17/06

Céline SARL

vs

Céline SA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel ta' Nancy)

“Trade marks — Artikoli 5(1)(a) u 6(1)(a) ta' l-Ewwel Direttiva 89/104/KEE — Dritt tal-proprjetarju ta' trade mark reġistrata li jopponi l-użu minn terza persuna ta' sinjal identiku għat-trade mark — Użu tas-sinjal bħala isem ta' kumpannija, isem kummerċjali jew sinjal ta' ħanut — Dritt ta' terza persuna li tagħmel użu minn isimha”

Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fit-18 ta' Jannar
2007 I - 7044
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-11 ta' Settembru 2007 . . . I - 7060

Sommarju tas-sentenza

1. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Trade marks — Direttiva 89/104 — Dritt tal-proprjetarju ta' trade mark li jopponi l-użu minn terza persuna ta' sinjal identiku għal prodotti identiċi — Użu tat-trade mark skond l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva — Kunċett [Direttiva tal-Kunsill 89/104, Artikolu 5(1)(a)]*

2. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Trade marks — Direttiva 89/104 — Dritt tal-proprjetarju ta' trade mark li jopponi l-użu minn terza persuna ta' sinjal identiku għal prodotti identiċi — Portata*
[Direttiva tal-Kunsill 89/104, Artikolu 5(1)(a)]
3. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Trade marks — Direttiva 89/104 — Limitazzjoni ta' l-effetti tat-trade mark*
[Direttiva tal-Kunsill 89/104, Artikolu 6(1)(a)]

1. L-użu, minn terza persuna mingħajr awtorizzazzjoni, ta' isem ta' kumpannija, ta' isem kummerċjali jew ta' sinjal ta' ħanut identiku għal trade mark preċedenti, jikkostitwixxi "użu ta' sinjal għal prodotti jew servizzi" meta l-użu jsir għall-finijiet li ssir distinzjoni bejn il-prodotti jew servizzi msemmija.

jidentifika kumpannija jew ħanut, peress li minnu nnifsu, tali użu m'għandux l-iskop li jiddistingwi prodotti jew servizzi. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-użu ta' sinjal jikkostitwixxix użu għal prodotti jew servizzi skond l-Artikolu (5)(1) tad-Direttiva.

(ara l-punti 20-24 u d-dispożittiv)

Dan huwa l-każ meta terza persuna twaħħal is-sinjal li jikkonsisti fl-isem tal-kumpannija tagħha, fl-isem kummerċjali tagħha jew fis-sinjal tal-ħanut tagħha fuq il-prodotti li tikkummerċjalizza jew, anki fin-nuqqas ta' twaħħil, meta t-terza persuna tuża s-sinjal imsemmi b'tali mod li tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjal li jifforma l-isem tal-kumpannija, l-isem kummerċjali jew is-sinjal tal-ħanut tat-terza persuna u l-prodotti kkummerċjalizzati jew is-servizzi pprovduti mit-terza persuna. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi kunċett ma jinkludix l-użu li jillimita ruħu sabiex

2. L-użu, minn terza persuna mingħajr awtorizzazzjoni, ta' sinjal identiku għal trade mark reġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi għal dawk li għalihom din it-trade mark hija rreġistrata jista' jiġi pprojbit, skond l-Artikolu (5)(1)(a) ta' l-Ewwel Direttiva 89/104 dwar it-trade marks, biss jekk jikser jew jekk huwa kapaċi li jikser il-funzjonijiet tat-trade mark imsemmija u b'mod partikolari l-funzjoni essenzjali tagħha li hija dik li tiggarrantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi. Dan huwa l-każ meta s-sinjal jiġi użat mit-terza

persuna għall-prodotti jew is-servizzi tagħha b'tali mod li l-konsumaturi jistgħu jinterpretawh bħala li jindika l-provenjenza tal-prodotti jew is-servizzi in kwistjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-użu ta' tali sinjal jaffettwax jew jistax jaffettwa l-funzjoni essenzjali tat-trade mark.

(ara l-punti 26-28 u d-dispożittiv)

3. Skond l-Artikolu 6(1)(a) ta' l-Ewwel Direttiva 89/104 dwar it-trade marks, id-dritt mogħti mit-trade mark ma jippermettix lil proprjetarju tagħha li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża, matul il-kummerċ, isimha u l-indirizz tagħha, sakemm dan l-użu jsir b'mod konformi ma' prattiċi onesti f'materji industrijali jew kummerċjali. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika r-rispett

ta' l-imsemmija kundizzjoni b'kunsiderazzjoni, minn naħa, safejn l-użu mit-terza persuna ta' isimha jinftiehem mill-pubbliku rilevanti, jew minn ta' l-anqas parti sinjifikanti minn dan il-pubbliku, bħala indikazzjoni ta' rabta bejn il-prodotti jew is-servizzi tat-terza persuna u l-proprjetarju tat-trade mark jew ta' persuna awtorizzata li tuża t-trade mark u, min-naħa l-oħra, safejn it-terza persuna kien imissha kienet konxja ta' dan. Fattur ieħor li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni meta tkun qiegħda ssir din l-evalwazzjoni huwa jekk hijiex involuta trade mark ta' ċerta fama fl-Istat Membru fejn hija rreġistrata u fejn il-protezzjoni tagħha hija mitluba, li minnha t-terza persuna tkun tista' tagħmel profitt għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jew servizzi tagħha.

(ara l-punti 30, 34, 35 u d-dispożittiv)